



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 28 ta' Ġunju 2004 (30.06)
(OR. en,lv)**

10784/04

COPEN	78
EJN	45
EUROJUST	58

NOTA TA' TIFSIR

Minn:	Sinjura Vineta MUIŽNIECE, Ministru tal-Ġustizzja, Latvja
Data meta waslet:	22 ta' Ġunju 2004
Lil:	Sinjur Charles ELSSEN, Direttur-Ġenerali, DG H, Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn Stati Membri - Notifiki mil-Latvja

Sinjur,

Bi qbil ma' l-Artikolu 34 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill (2002/584/ĠAI) tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn Stati Membri, għandi ninfurmak li fis-16 ta' Ġunju 2004 il-President ta' l-Istat tal-Latvja xandar liġi dwar "Emendi fil-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Latvjan" li biha l-liġi ta' l-UE li ssemmiet qabel tiġi mplimentata fil-Latvja; f'konformità mas-Satversme (Kostituzzjoni) tar-Repubblika tal-Latvja, il-liġi tidħol fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 2004.

Fl-istess ħin nixtieq ninfurmak li l-Artikolu 98 tal-verżjoni attwali tal-Kostituzzjoni Latvjana tipprevedi li "ċittadin tal-Latvja ma jistax jiġi estradit lejn pajjiż barrani." Fis-17 ta' Ġunju 2004 is-Saeima (Parlament) tar-Repubblika tal-Latvja adotta mat-tieni qari abbozz ta' liġi dwar "Emendi fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Latvja"; dan jinkludi bidliet fl-Artikolu 98 tal-Kostituzzjoni dwar l-estradizzjoni ta' ċittadini Latvjan li jippermettu lil-Latvja biex tesegwixxi mandati ta' arrest Ewropej fir-rigward ta' ċittadini tal-Latvja. It-tielet (u l-aħħar) qari mis-Saeima ġie iffissat għal Settembru, u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-UE ser jiġi debitament infurmat bid-data li fiha l-abbozz ta' liġi jiġi adottat u jidħol fis-seħħ.

Mehmuż għandek issib xi informazzjoni addizzjonali dwar in-notifiki u d-dikjarazzjonijiet tar-Repubblika tal-Latvja skond id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn Stati Membri. Mehmuż għandek issib ukoll it-test, bil-Latvjan, tal-liġi dwar "Emendi fil-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Latvjan" kif ippubblikat fil-gazzetta uffiċjali tar-Repubblika tal-Latvja (Latvijas Vēstnesis) fis-16 ta' Ġunju 2004, kif ukoll estratt mill-verżjoni kkonsolidata tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tal-Latvja bl-artikoli li jinkorporaw l-emendi li bihom tiġi mplimentata d-Deċiżjoni Kwadru u fejn huma indikati s-sorsi ta' riferenza għal dawk l-emendi.

Jekk jogħġbok, Sinjur, aċċetta l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

(iffirmata) Vineta Muižniece

**Notifiki u dikjarazzjonijiet mir-Repubblika tal-Latvja f'konformità
mad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002
dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment
bejn Stati Membri
(2002/584/ĠAI)**

Artikolu 6(3) tad-Deċiżjoni Kwadru:

L-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti biex joħroġu mandat (Artikolu 6(1))

Il-Qrati Distrettwali (tal-Belt) huma kompetenti biex joħroġu mandat ta' arrest Ewropew sabiex tkun rikjesta l-estradizzjoni ta' persuni għall-finijiet ta' prosekuzzjoni jew ta' l-esekuzzjoni ta' piena li tinvolvi t-tiċħid tal-libertà.

L-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti biex jeseġwixxu mandat (Artikolu 6(2))

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali hu kompetenti biex jiddeċiedi li jeseġwixxi mandat ta' arrest Ewropew.

Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Kwadru:

L-awtorità ċentrali tar-Repubblika tal-Latvja hi:

Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali
Kalapaka Boulevard 6, Riga,
LV-1801
Latvia

Tel.: +371 7044400

Fax: +371 7044449

e-mail: gen@lrp.gov.lv

Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni Kwadru:

Il-Latvja taċċetta li tesegwixxi dawk il-mandati ta' arrest Ewropej li jkunu bil-Latvjan jew bl-Ingliż.

Artikolu 25(2) tad-Deċiżjoni Kwadru:

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali hu kompetenti biex jirċievi talbiet ta' transitu u d-dokumenti neċessarji, kif ukoll kull korrispondenza uffiċjali oħra dwar talbiet ta' transitu.

=====